REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 822/2010

tas-17 ta' Settembru 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 198/2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika marbuta mat-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi, fir-rigward tad-dejta li trid tinġabar, ir-rekwiżiti dwar teħid ta' kampjuni, il-preċiżjoni u l-kwalità

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar l-istatistika marbuta mat-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 7(3), 8(2), 9(4), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 198/2006 tat-3 ta' Frar 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika marbuta ma' taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi [2] jiddefinixxi d-dejta speċifika li trid tinġabar fir-rigward tal-intrapriżi li joffru taħriġ u dawk li ma joffrux u tal-forom differenti ta' taħriġ vokazzjonali, ir-rekwiżiti dwar teħid ta' kampjuni u l-preċiżjoni, ir-rekwiżiti dwar il-kwalità fir-rigward tad-dejta li trid tinġabar, l-istruttura tar-rapporti dwar il-kwalità.

(3) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifika statistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Reviżjoni 2 [3], għandhom jiġu adottati l-ispeċifikazzjonijiet fid-dettall tal-kategoriji NACE Rev. 2 u l-klassijiet ta' daqs li fihom jistgħu jinqasmu r-riżultati.

(4) Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi d-dejta speċifika li trid tinġabar dwar l-intrapriżi li joffru taħriġ u dawk li ma joffrux u dwar il-forom differenti ta' taħriġ vokazzjonali.

(5) Għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' kwalità għad-dejta li trid tinġabar u tintbagħat għall-istatistika Ewropea dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi, l-istruttura tar-rapporti dwar il-kwalità u kull miżura meħtieġa biex tkun evalwata jew imtejba l-kwalità tad-dejta.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja [4] jiddefinixxi strument statistiku ġdid dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja.

(7) Fid-dawl tat-tagħrif li jrid isir disponibbli permezz tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 kif ukoll tal-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tar-riżultati dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi u jitnaqqas il-piż statistiku fuq l-intrapriżi, jixraq li jiġu modifikati l-iskema ta' kodifikazzjoni u r-rekwiżiti ta' teħid ta' kampjuni, preċiżjoni u kwalità.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 198/2006 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I, II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 198/2006 jinbidlu bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 255, 30.9.2005, p. 1.
[2] ĠU L 32, 4.2.2006, p. 15.
[3] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.
[4] ĠU L 145, 4.6.2008, p. 227.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

1. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 198/2006 jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS I

VARJABBLI

Nota dwar l-iskeda:

It-tifsira tal-valuri 'bażi' u 'ewlenija' fil-kolonna 'grupp ta' varjabbli' tingħata fl-Anness III. Il-valur 'ID' ifisser li l-varjabbli hija 'varjabbli ta' identifikazzjoni' (dejta nieqsa mhux aċċettata). Fil-kolonna 'Tip ta' varjabbli' il-valur 'QL' jirreferi għal 'Varjabbli kwalitattiva' tat-tip Iva/Le, 'QM' għal 'Varjabbli kwalitattiva' b'kategoriji multipli kif deskritt fl-iskeda u 'QT' tirreferi għal 'Varjabbli kwantitattiva'. TVS tfisser Taħriġ Vokazzjonali Ssoktat. NACE tirreferi għall-attività ekonomika skont NACE Rev 2.

1. **Varjabbli li jridu jingħabru mill-intrapriżi kollha: karatteristiċi tal-kampjun**

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
PAJJIŻ	ID		Kodiċi tal-pajjiż
REĠJUN	ID		Identifikazzjoni tar-reġjun NUTS — livell 1
REFYEAR	ID		Sena ta' referenza
RESPID	ID		ID tal-intrapriża
RESPWEIGHT	ID		Fattur ta' differenzjazzjoni Żewġ pożizzjonijiet deċimali — uża '.' biex tifred id-deċimali
RESPEXTRA1	ID		Varjabbli extra 1 (ara l-Anness III
RESPEXTRA2	ID		Varjabbli extra 2 (ara l-Anness III)
RESPEXTRA3	ID		Varjabbli extra 3 (ara l-Anness III)
SP_NACE	ID		Pjan ta' teħid ta' kampjuni - kategorija ta' attività ekonomika
SP_SIZE	ID		Daqs tal-grupp tal-Pjan ta' teħid ta' kampjuni
SP_NSTRA	ID		Pjan ta' teħid ta' kampjun – Għadd ta' intrapriżi fis-saff iddefinit min-NACE_SP u SIZE_SP, i.e. il-popolazzjoni
SP_N	ID		Pjan ta' teħid ta' kampjuni — Għadd ta' intrapriżi mill-kampjun qafas ta' kampjuni fis-saff iddefinit min-NACE_SP u SIZE_SP
SP_SUB	ID		Indikatur ta' sottokampjun, juri jekk l-intrapriża tagħmilx parti mis-sottokampjun
N_RESPST	ID		Għadd ta' intrapriżi li jwieġbu fis-saff iddefinit min-NACE_SP u SIZE_SP
N_EMPREG	ID		Għadd ta' persuni impjegati skont ir-reġistru
INTRESP	ID		Indikatur tat-tweġib (tip ta' unità ta' kampjonatura)
INTMETHOD	ID		Mod ta' ġbir ta' dejta
INTLANG	ID		Lingwa tal-ġbir ta' dejta

2. **Varjabbli li jridu jinġabru mill-intrapriżi kollha: dejta kontestwali**

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
A1	Bażi	QL	KODIĊI NACE Attwali
A2tot	Bażi	QT	Għadd totali ta' persuni impjegati fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' referenza
A2m		QT	Għadd totali ta' rġiel impjegati fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' referenza
A2f		QT	Għadd totali ta' nisa impjegati fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' referenza
A3	Ewlenija	QT	Għadd totali ta' persuni impjegati fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel
A4	Ewlenija	QT	Għadd totali ta' sigħat maħduma fis-sena ta' referenza mill-persuni impjegati
A5	Ewlenija	QT	Spejjeż totali tax-xogħol (diretti + indiretti) tal-persuni impjegati kollha fis-sena ta'referenza
A6		QL	Introduzzjoni ta' prodotti jew servizzi jew metodi ta' produzzjoni jew kkunsinjar ta' prodotti u servizzi ġodda teknoloġikament imtejba b'mod sinifikanti matul is-sena ta' referenza

3. **Varjabbli li jridu jinġabru mill-intrapriżi kollha: Strateġiji TVS**

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
A7		QL	Ċentru għat-taħriġ proprjetà tal-kumpanija jew bi sħab
A8		QL	Persuna jew unità ġewwa l-intrapriża responsabbli għall-organizzazzjoni tat-TVS
A9		QL	Valutazzjoni ta' ħtiġjiet ta' ħiliet fil-ġejjieni tal-intrapriża
A10		QM	Reazzjoni għall-ħtiġijiet tal-ġejjieni permezz ta'
			Issoktar ta' taħriġ vokazzjonali tal-persunal attwali
			Ingaġġ ta' persunal ġdid bi kwalifiki, ħiliet u kompetenzi xierqa
			Ingaġġ ta' persunal ġdid flimkien ma' taħriġ speċifiku
			Riorganizzazzjoni interna biex jintużaw aħjar il-ħiliet u l-kompetenzi attwali
A11a		QM	Reviżjonijiet ta' ħtiġijiet ta' ħiliet u taħriġ fil-ġejjieni tal-impjegati individwali
			Iva, l-aktar permezz ta' intervisti strutturati
			Iva, iżda l-aktar permezz ta' metodi oħra
			Le
A11b		QM	Reviżjonijiet fil-ġejjieni ta' ħtiġijiet ta' ħiliet u taħriġ tal-impjegati individwali huma kkonċentrati fuq
			Impjiegi jew gruppi ta' impjiegi

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
			Ħiliet u kompetenzi
			Dmirijiet u attivitajiet
			Kwalifiki formali
A12		QM	Ħiliet u kompetenzi importanti fl-ewwel snin li ġejjin
			Ħiliet ġenerali IT
			Ħiliet professjonali IT
			Ħiliet ta' ġestjoni
			Ħiliet ta' xogħol bħala grupp, ħiliet ta' kif wieħed jimxi mal-klijent, ħiliet soċjali
			Ħiliet ta' soluzzjoni ta' problemi
			Ħiliet ta' amministrazzjoni ta' uffiċċju
			Ħiliet fil-lingwi barranin
			Ħiliet tekniċi, prattiċi jew speċifiċi għax-xogħol
			Ħiliet ta' komunikazzjoni bil-fomm jew bil-miktub
			Ħiliet numeriċi u/jew fil-kitba
			Ebda waħda minn dawn
			Ma nafx
A13		QL	L-ippjanar ta' TVS fl-intrapriża jwassal għal pjan jew programm ta' taħriġ bil-miktub
A14		QL	Baġit għal taħriġ annwali, li jinkludi t-TVS
A15		QL	Ftehim nazzjonali, settorjali jew ftehim ieħor bejn l-imsieħba soċjali, li jkopri t-TVS.
A16a		QL	Rappreżentanti/kumitati tal-persunal involuti fil-proċess ta' ġestjoni ta' taħriġ vokazzjonali ssoktat
A16b		QM	Aspetti koperti mir-rappreżentanti/kumitati tal-persunal
			Issettjar oġġettiv tat-taħriġ
			Twaqqif ta' kriterji għall-għażla ta' parteċipanti jew gruppi speċifiċi fil-mira
			Forma/tip ta' taħriġ (pereżempju korsijiet interni/esterni; forom oħra bħal taħriġ fuq ix-xogħol iggwidat)
			Kontenut ta' taħriġ
			Baġit għal taħriġ
			Għażla ta' fornituri ta' taħriġ estern

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
			Valutazzjoni/stima ta' riżultati ta' taħriġ
A17		QM	Sorsi ta' tagħrif dwar TVS
			Ċentri/servizzi u awtoritajiet ta' tagħrif pubbliku
			Fornituri ta' taħriġ privat
			Rappreżentanti ta' persunal/staff
			Oħrajn
			Sors ta' tagħrif ta' dan it-tip mhux użata

4. **Varjabbli li jridu jinġabru mill-intrapriżi kollha: Karatteristiċi TVS**

Isem tal- varjabbli	Grupp tal- varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
B1a	Bażi	QL	Offerta ta' korsijiet interni TVS fis-sena ta' referenza
B1b	Bażi	QL	Offerta ta' korsijiet esterni TVS fis-sena ta' referenza
B2a	Bażi	QL	Offerta ta' taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol fis-sena ta' referenza
		QT	*Għadd ta' parteċipanti f'taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol*
B2b	Bażi	QL	Organizzazzjoni ta' rotazzjoni ta' xogħol fis-sena ta' referenza
		QT	*Għadd ta' parteċipanti: rotazzjoni ta' xogħol, skambji, issekondar jew mawriet ta' studju*
B2c	Bażi	QL	Attendenza f'konferenzi/werkxops fis-sena ta' referenza
		QT	*Għadd ta' parteċipanti f'konferenzi/werkxops*
B2d	Bażi	QL	Parteċipazzjoni f'ċirkoli ta' tagħlim u ta' kwalità fis-sena ta' referenza
		QT	*Għadd ta' parteċipanti f'ċirkoli ta' tagħlim jew ta' kwalità*
B2e	Bażi	QL	Taħriġ ippjanat b'tagħlim/e-tagħlim awtodirett fis-sena ta' referenza
		QT	*Għadd ta' parteċipanti f'tagħlim/e-tagħlim awtodirett*
B3		QL	Offerta ta' korsijiet TVS fis-sena ta' qabel is-sena ta' referenza
B4		QL	Offerta ta' forom oħra ta' TVS fis-sena ta' qabel is-sena ta' referenza
B5a		QL	Eżistenza ta' kontributi TVS fis-sena ta' referenza
		QT	*Ammont ta' kontributi TVS (f'euro)*
B5b		QL	Eżistenza ta' dħul TVS fis-sena ta' referenza

Isem tal- varjabbli	Grupp tal- varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
		QT	Ammont ta' dħul TVS (f'euro)
B6		QM	Miżuri li minnhom tibbenefika l-intrapriża
			Inċentivi fiskali (konċessjonijiet fiskali, eżenzjonijiet fiskali, krediti fiskali, differimenti fiskali)
			Dħul minn fondi għat-taħriġ (nazzjonali, reġjonali, tas-settur)
			Sussidji tal-UE (pereżempju Fond Soċjali Ewropew)
			Sussidji tal-gvern
			Sorsi oħra
			Ebda waħda minn dawn

It-taqsimiet 5 u 6 li ġejjin għandhom jiġu indirizzati lill-intrapriżi li jipprovdu korsijiet TVS fis-sena ta' referenza [(B1a jew B1b) = IVA].

It-taqsima 7 għandha tiġi indirizzata lill-intrapriżi kollha ta' taħriġ fis-sena ta' referenza, jiġifieri:

— *intrapriżi li jipprovdu korsijiet TVS fl-2010 [(B1a jew B1b) = IVA], jew*

— *intrapriżi li jipprovdu forom oħra ta' TVS [(B2a jew B2b jew B2c jew B2d jew B2e) = IVA].*

It-taqsima 8 għandha tiġi indirizzata lill-intrapriżi li ma jipprovdux taħriġ.

5. **Varjabbli li jridu jinġabru minn intrapriżi li pprovdew korsijiet TVS: parteċipanti, suġġetti u organizzaturi TVS**

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
C1tot	Ewlenija	QT	Għadd totali ta' parteċipanti fil-korsijiet TVS
C2m		QT	Għadd ta' parteċipanti fil-korsijiet TVS - irġiel
C2f		QT	Għadd ta' parteċipanti fil-korsijiet TVS - nisa
C3tot	Ewlenija	QT	Sigħat ta' xogħol imħallsa maħduma fil-korsijiet kollha TVS
C3i		QT	Sigħat ta' xogħol imħallsa fuq korsijiet interni ta' TVS
C3e		QT	Sigħat ta' xogħol imħallsa fuq korsijiet esterni ta' TVS
C4		QT	Sehem ta' sigħat ta' taħriġ magħmula fuq korsijiet obligatorji għas-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol
C5		QL	Suġġetti koperti
			Ħiliet ġenerali ta' IT
			Ħiliet professjonali ta' IT
			Ħiliet ta' ġestjoni
			Ħiliet ta' xogħol bħala grupp, ħiliet ta' kif wieħed jimxi mal-klijent, ħiliet soċjali
			Ħiliet ta' soluzzjoni ta' problemi
			Ħiliet ta' amministrazzjoni ta' uffiċċju

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
			Ħiliet fil-lingwi barranin
			Ħiliet tekniċi, prattiċi jew speċifiċi għax-xogħol
			Ħiliet ta' komunikazzjoni bil-fomm jew bil-miktub
			Ħiliet numeriċi u/jew fil-kitba
			Ebda waħda minn dawn
C5Main		QL	Suġġett prinċipali (fir-rigward ta' volum ta' sigħat ta' taħriġ)
C6		QL	Organizzaturi (korsijiet esterni)
			Skejjel, kulleġġi, universitajiet u istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni ogħla
			Istituzzjonijiet ta' taħriġ pubbliku (ffinanzjati jew immexxija mill-gvern; eż. ċentru ta' edukazzjoni għall-adulti)
			Kumpaniji ta' taħriġ privat
			Kumpaniji privati li t-taħriġ mhux l-attività ewlenija tagħhom
			Għaqdiet ta' min iħaddem, kmamar tal-kummerċ, entitajiet tas-settur
			Trejdjunjins
			Fornituri ta' taħriġ ieħor
C6Main		QL	Fornitur prinċipali (fir-rigward ta' volum ta' sigħat ta' taħriġ)

6. **Varjabbli li jridu jinġabru minn intrapriżi li pprovdew korsijiet TVS: spejjeż TVS**

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
C7a		QL	Eżistenza ta' miżati
		QT	*Spejjeż għall-korsijiet ta' TVS — miżati u ħlasijiet għall-korsijiet għall-impjegati (f'euro)*
C7b		QL	Eżistenza ta' spejjeż ta' vvjaġġar
		QT	*Spejjeż għall-korsijiet ta' TVS — ħlasijiet ta' vjaġġar u ta' spejjeż għall-ħajja (f'euro)*
C7c		QL	Eżistenza ta' spejjeż ta' xogħol ta' ħarrieġa interni
		QT	*Spejjeż għall-korsijiet ta' TVS — Spejjeż tax-xogħol ta' ħarrieġa interni (f'euro)*
C7d		QL	Eżistenza ta' spejjeż taċ-ċentru tat-taħriġ u materjal għat-tagħlim eċċ.
		QT	*Spejjeż għall-korsijiet ta' TVS — ċentru jew kmamar għat-taħriġ, u materjal għat-tagħlim għall-korsijiet ta' TVS (f'euro)*
C7sub		QL	Eżistenza ta' 'Subtotal biss' (ebda subkategoriji)
	Ewlenija	QT	*Subtotal tal-ispejjeż ta' TVS (f'euro)*

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
PAC	Ewlenija	QT	Valur tal-assenza tal-persunal — irid jiġi kkalkulat (PAC=C3tot*A5/A4 f'euro)
C7tot	Ewlenija	QT	Spejjeż totali TVS — irid jiġi kkalkulat (C7sub + B5a – B5b f'euro)

7. **Varjabbli li jridu jinġabru minn intrapriżi li pprovdew korsijiet TVS jew forom oħra ta' TVS: kwalità, riżultati u diffikultajiet ta' TVS**

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
D1		QM	Aspetti kkunsidrati biex tiġi żgurata l-kwalità ta' TVS
			Ċertifikazzjoni ta' fornituri esterni (pereżempju użu ta' reġistri nazzjonali)
			Taħriġ kontinwu ta' ħarrieġa interni
			It-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni vokazzjonali kontinwu huwa msejjes fuq standards jew oqfsa magħrufa nazzjonali/tas-settur
			Oħrajn
			Ebda aspett partikolari meqjus
D2a		QM	Stima tar-riżultati tal-attivitajiet TVS
			Iva, għall-attivitajiet kollha
			Iva, għal uħud mill-attivitajiet
			Le, il-prova tal-parteċipazzjoni hija biżżejjed
D2b		QM	Metodi ta' valutazzjoni
			Ċertifikazzjoni wara test bil-miktub jew prattiku
			Stħarriġ dwar is-sodisfazzjon fost il-parteċipanti
			Stima tal-aġir jew ir-rendiment tal-parteċipanti fir-rigward tal-għanijiet ta' taħriġ
			Stima/kejl tal-impatt tat-taħriġ fuq ir-rendiment tad-dipartimenti rilevanti jew l-intrapriża sħiħa
			Oħrajn
D3		QM	Fatturi li jillimitaw l-offerta ta' TVS fis-sena ta' referenza
			Ebda fattur ta' limitazzjoni: livell ta' taħriġ offrut kien xieraq għall-ħtiġijiet tal-intrapriżi
			Ingaġġ ta' individwi bil-kwalifiki, ħiliet u kompetenzi meħtieġa
			Diffikultajiet fl-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ fl-intrapriża
			Nuqqas ta' offerti ta' korsijiet TVS xierqa fis-suq
			Spejjeż għoljin tal-korsijiet TVS.
			Aktar attenzjoni fuq l-offerta ta' TVI (Taħriġ Vokazzjonali Inizjali) milli fuq TVS

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
			Sforzi ewlenin f'TVS imwettqa f'dawn l-aħħar snin
			Ħin limitat disponibbli għall-persunal biex jipparteċipa f'TVS
			Raġunijiet oħra

8. **Varjabbli li jridu jinġabru minn intrapriżi li ma joffrux taħriġ: raġunijiet għaliex ma joffrux attivitajiet ta' TVS**

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
E1		QM	Raġunijiet għaliex ma joffrux TVS fis-sena ta' referenza
			Il-kwalifiki, ħiliet u kompetenzi eżistenti jikkorrispondu mal-ħtiġijiet kurrenti tal-intrapriża
			L-ingaġġ ta' individwi bil-kwalifiki, ħiliet u kompetenzi meħtieġa kien ippreferut
			Diffikultajiet fl-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ fl-intrapriża
			Nuqqas ta' offerti ta' korsijiet TVS xierqa fis-suq
			Spejjeż għoljin tal-korsijiet TVS.
			Aktar attenzjoni fuq l-offerta ta' TVI milli fuq TVS
			Sforzi ewlenin f'TVS imwettqa f'dawn l-aħħar snin
			Ebda ħin disponibbli għall-persunal biex jipparteċipa f'TVS
			Raġunijiet oħra

9. **Varjabbli li jridu jinġabru mill-intrapriżi kollha: TVI**

Isem tal- varjabbli	Grupp ta' varjabbli	Tip ta' varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli
F1tot	Bażi	QT	Għadd totali ta' parteċipanti f'TVI fl-intrapriża matul is-sena ta' referenza
F2		QM	Raġunijiet għall-offerta ta' TVI (jekk F1Tot > 0)
			Biex l-impjegati tal-ġejjieni jkunu kwalifikati skont il-ħtiġijiet tal-intrapriża
			Biex jintgħażlu l-aqwa apprendisti għall-impjieg fil-ġejjieni wara t-tlestija tat-taħriġ vokazzjonali inizjali
			Biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' abbinament ħażin mal-ħtiġijiet tal-intrapriża f'każ ta' inġagg estern
			Biex diġà jsir użu mill-kapaċitajiet produttivi tal-parteċipanti TVI qabel it-taħriġ vokazzjonali inizjali tagħhom
			Oħrajn (pereżempju biex il-persunal potenzjali jinġibed iktar lejn l-intrapriża)

Varjabbli mhux obbligatorji

L-Istati Membri jistgħu jittrażmettu varjabbli komplementari lill-Kummissjoni (Eurostat) fuq bażi mhux obbligatorja taħt format armonizzat kif deskritt fil-'Manwal tal-Unjoni Ewropea' imsemmi fl-Artikolu 8."

2. L-ANNESS II tar-Regolament (KE) Nru 198/2006 jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS II

KAMPJUN

1. Ir-reġistri kummerċjali msemmija fir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għal raġunijiet ta' statistika [1] għandhom jittieħdu bħala s-sors ewlieni tal-qafas ta' teħid ta' kampjuni. Minn dan il-qafas għandu jittieħed kampjun każwali stratifikat tal-intrapriżi li jkun rappreżentattiv fuq livell nazzjonali.

2. Il-kampjun għandu jkun stratifikat skont il-kategorija NACE Rev.2 u l-klassi ta' daqs skont l-ispeċifikazzjoni minima li ġejja:

   — Kategoriji 20 NACE Rev.2 [B, C10-C12 ,C13-C15 ,C17-C18 ,C19-C23 ,C24-C25, C26-C28 u C33, C29-C30, C16+C31-32, D-E, F, G(45), G(46), G(47), I, H, J, K(64,65), K(66), L+M+N+R+S],

   — L-Istati Membri jistgħu jkopru taqsimiet oħrajn u jużaw kategoriji addizzjonali għall-istratifikazzjoni (pereżempju O, P, u Q) fuq bażi ta' għażla,

   — 3 kategoriji ta' daqs ta' intrapriżi, skont in-numru tal-impjegati tagħhom: (10-49) (50-249) (250 u iktar) għal pajjiżi b'anqas minn 50 miljun ruħ,

   — 6 kategoriji ta' daqs ta' intrapriżi, skont in-numru tal-impjegati tagħhom: (10-19) (20-49) (50-249) (250-499) (500-999) (1 000 u iktar) għall-Istati Membri b'50 miljun ruħ u iktar.

3. Id-daqs tal-kampjun għandu jkun ikkalkulat biex jiġi jiżgurat **massimu** ta' nofs l-estensjoni tal-95 % tal-marġni ta' fiduċja ta' 0.2 għall-parametri vvalutati, li huma proporzjon tal-'intrapriżi li joffru t-taħriġ' (wara li ssir konċessjoni għar-rata ta' nuqqas ta' tweġib fil-kampjun) għal kull wieħed mis-60 element stratifikat identifikat hawn fuq (120 element stratifikat għall-Istati Membri b'50 miljun ruħ u iżjed).

4. Il-formula li ġejja tista' tintuża biex ikun iddeterminat id-daqs tal-kampjun:

$$n_h = 1/[c^2 \times te_h + 1/N_h] \; / \; r_h$$

Fejn:

r_h = ir-rata ta' tweġib mistennija fiċ-ċellula tal-istrat, h

c = l-estensjoni massima ta' nofs il-marġni ta' fiduċja

te_h = il-proporzjon mistenni ta' intrapriżi li joffru taħriġ fiċ-ċellula tal-istrat, h

N_h = in-numru totali ta' intrapriżi (li joffru u li ma joffrux taħriġ) fiċ-ċellula tal-istrat, h

[1] ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6."

3. L-ANNESS III tar-Regolament (KE) Nru 198/2006 jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS III

Prinċipji ta' attribuzzjoni u differenzjazzjoni ta' reġistrazzjonijiet

Il-pajjiżi għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex ma jkunx hemm nuqqas ta' tweġib għal xi parti jew unità. Qabel l-attribuzzjoni l-pajjiżi għandhom jagħmlu l-isforzi kollha raġjonevoli biex jużaw sorsi oħra ta' dejta.

Il-varjabbli bażiċi li għalihom la se jiġi aċċettat valur nieqes u lanqas mhi se tkun permessa l-attribuzzjoni huma:

— A1, A2tot, B1a, B1b, B2a(QL), B2b(QL) B2c(QL), B2d(QL) B2e(QL), F1tot.

Il-varjabbli ewlenin, li għalihom għandu jsir kull sforz biex ikunu evitati valuri nieqsa u li għalihom hija rrakkomandata l-attribuzzjoni huma:

— A3, A4, A5, C1tot, C3tot, C7sub, C7tot, PAC.

L-attribuzzjoni għan-nuqqas ta' tweġib ta' parti għandha tkun rrakkomandata ġewwa l-limiti ġenerali li ġejjin:

1. Meta reġistrazzjoni jkun fiha inqas minn 50 % tal-varjabbli ppreżentati, din ir-reġistrazzjoni għandha normalment titqies bħala unità bla tweġiba.

2. Għal ċellula waħedha tan-NACE Rev.2/daqs, l-ebda attribuzzjoni ma tkun permessa jekk iżjed minn 50 % tal-intrapriżi li jwieġbu jkollhom dejta nieqsa għal aktar minn 25 % tal-varjabbli kwantitattivi.

3. Għal ċellula waħedha tan-NACE Rev.2/daqs, m'għandha ssir l-ebda attribuzzjoni fuq varjabbli kwantitattiva jekk il-proporzjon tal-intrapriżi li jwieġbu għal dik il-varjabbli partikolari jkun inqas minn 50 %.

4. Għal ċellula waħedha tan-NACE Rev.2/daqs, m'għandha ssir l-ebda attribuzzjoni fuq varjabbli kwalitattiva jekk il-proporzjon tal-intrapriżi li jwieġbu għal dik il-varjabbli partikolari jkun inqas minn 80 %.

Il-varjabbli kwalitattivi u kwantitattivi huma identifikati fl-Anness I.

L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw u jittrażmettu valur li jrid jiġi applikat għal kull reġistrazzjoni ta' dejta flimkien ma' xi varjabbli awżiljari, li setgħu ntużaw fil-kalkolu ta' dan il-valur. Dawn il-varjabbli awżiljari għandhom jiġu reġistrati bħala l-varjabbli RESPEXTRA1, RESPEXTRA2, RESPEXTRA3 skont kif meħtieġ. Il-metodoloġija adottata għall-iffissar tal-valuri għandha tingħata fid-dettall fir-rapport dwar il-kwalità."

4. L-ANNESS V tar-Regolament (KE) Nru 198/2006 jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS V

FORMAT TAR-RAPPORT DWAR IL-KWALITÀ

L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapporti dwar il-kwalità li jridu jinkitbu skont format standard ta' rappurtaġġ dwar il-kwalità pprovdut mill-Kummissjoni (Eurostat). Kopja tal-kwestjonarju nazzjonali għandha tkun meħmuża mar-rapport dwar il-kwalità.

1. RILEVANZA

L-implimentazzjoni tal-istħarriġ u l-livell sa fejn l-istatistika tilħaq il-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti. Dan ikopri deskrizzjoni tal-utenti u l-ħtiġijiet individwali tagħhom kif ukoll valutazzjoni dwar sa liema livell intlaħqu dawn il-ħtiġijiet.

2. PREĊIŻJONI

2.1. **Żbalji fit-teħid ta' kampjuni**

Dan l-aspett ikopri:

— Deskrizzjoni tal-pjan tal-kampjun u l-kampjun meħud.

— Deskrizzjoni tal-kalkolu tal-valuri finali inklużi l-mudell għal nuqqas ta' tweġib u l-varjabbli awżiljari użati, l-istimatur użat, eż. Horvitz-Thompson, il-varjanza tal-istimi skont l-istrat ta' teħid ta' kampjuni, is-softwer tal-istima tal-varjanza, b'mod partikolari, deskrizzjoni tal-varjabbli awżiljari jew it-tagħrif użat għandu jiġi rrappurtat biex jista' jsir kalkolu mill-ġdid tal-valuri finali fi ħdan il-Eurostat billi dan huwa meħtieġ għall-istima tal-varjanza.

— F'każ ta' analiżi ta' nuqqas ta' tweġib, deskrizzjoni tax-xaqlib fil-kampjun u r-riżultati.

Skedi li jridu jkunu pprovduti (skont il-kategoriji **NACE Rev.2 u l-klassi ta' daqs** skont il-pjan nazzjonali għat-teħid ta' kampjuni):

— Għadd ta' intrapriżi fil-qafas tat-teħid ta' kampjuni.

— Għadd ta' intrapriżi fil-kampjun.

Skedi li jridu jkunu pprovduti (skont il-kategoriji **NACE Rev.2 u l-klassi ta' daqs** skont il-pjan nazzjonali għat-teħid ta' kampjuni, iżda allokazzjoni skont il-karatteristiċi tal-intrapriża osservati):

— Koeffiċjenti ta' varjazzjoni ([1]) għall-**istatistika ewlenija** li ġejja.

— Għadd totali ta' persuni impjegati, għadd totali ta' intrapriżi li pprovdew TVS, proporzjon tal-għadd totali ta' intrapriżi li pprovdew TVS mill-għadd totali ta' intrapriżi.

— Għadd totali ta' intrapriżi li pprovdew korsijiet TVS, proporzjon tal-għadd totali ta' intrapriżi li pprovdew korsijiet TVS mill-għadd totali ta' intrapriżi.

— Għadd totali ta' persuni impjegati f'intrapriżi li pprovdew TVS, għadd totali ta' parteċipanti f'korsijiet TVS, proporzjon tal-għadd totali ta' parteċipanti f'korsijiet TVS mill-għadd totali ta' persuni impjegati, proporzjon tal-għadd totali ta' parteċipanti fil-korsijiet TVS mill-għadd totali ta' persuni impjegati f'intrapriżi li pprovdew TVS.

— Spejjeż totali tal-korsijiet TVS.

— Għadd totali ta' intrapriżi li jipprovdu TVS, għadd totali ta' parteċipanti f'TVS, proporzjon tal-għadd totali ta' intrapriżi li jipprovdu TVS mill-għadd totali ta' intrapriżi.

2.2. **Żbalji mhux fit-teħid ta' kampjuni**

2.2.1. *Żbalji fil-kopertura*

Dan l-aspett ikopri:

— Deskrizzjoni tar-reġistru użat għat-teħid ta' kampjuni u l-kwalità ġenerali tiegħu, tagħrif inkluż fir-reġistru, u kull kemm żmien jiġi aġġornat.

— Żbalji minħabba d-diskrepanzi bejn il-qafas tat-teħid ta' kampjuni u l-popolazzjoni u t-taqsimiet tagħha li jkunu fil-mira (kopertura żejda, kopertura nieqsa, klassifikazzjonijiet ħżiena).

— Metodi użati biex jinkiseb dan it-tagħrif u kummenti dwar l-ipproċessar tal-klassifikazzjonijiet ħżiena.

Skedi li jridu jkunu pprovduti (skont il-kategoriji **NACE Rev.2 u l-klassi ta' daqs** skont il-pjan nazzjonali għat-teħid ta' kampjuni, iżda allokazzjoni skont il-karatteristiċi tal-intrapriża osservati):

— Għadd ta' intrapriżi.

— Proporzjon tal-għadd ta' intrapriżi li l-istrati osservati tagħhom huma daqs l-istrati tat-teħid ta' kampjuni.

2.2.2. *Żbalji ta' qies*

Fejn xieraq issir valutazzjoni tal-iżbalji li seħħew fl-istadju tal-ġbir tad-dejta minħabba, pereżempju:

— Il-format tal-kwestjonarju (ir-riżultati tat-testijiet ta' qabel jew il-metodi tal-laboratorju; strateġiji ta' tqegħid ta' mistoqsiji).

— Unità li tirrapporta/persuna li twieġeb skont il-mod ta' ġbir ta' dejta użat (eż. problemi u strateġiji biex tinstab/jinstabu persuna/i li twieġeb/jwieġbu fl-intrapriża, problemi ta' memorja, żbalji fil-mili tal-formoli, għajnuna lill-persuna li tirrispondi). Dan jinkludi deskrizzjoni u valutazzjoni tal-miżuri meħuda biex tkun żgurata l-kwalità għolja tad-dejta dwar il-parteċipanti u li tqieset darba biss kien kemm kien l-għadd ta' korsijiet.

— Eżistenza/użu ta' sistemi ta' informazzjoni rilevanti u reġistri amministrattivi fl-intrapriża, pereżempju korrispondenza bejn il-kunċett amministrattiv u dak tal-istħarriġ (perjodu ta' referenza, disponibbiltà ta' dejta).

— Metodi użati biex jonqos dan it-tip ta' żbalji, problemi minħabba l-kwestjonarju kollu kemm hu jew minħabba mistoqsijiet individwali.

2.2.3. *Żbalji ta' pproċessar*

Dan l-aspett ikopri deskrizzjoni tal-proċess ta' editjar tad-dejta bħas-sistema ta' pproċessar u strumenti użati, żbalji minnħabba kodifikazzjoni, editjar, differenzjazzjoni jew tabulazzjoni, kontrolli tal-kwalità fil-livell makro/-mikro u korrezzjonijiet/editjar li falla.

2.2.4. *Żbalji minħabba nuqqas ta' tweġib*

Dan l-aspett ikopri valutazzjoni ta' nuqqas ta' tweġib ta' unità u nuqqas ta' tweġib ta' parti u deskrizzjoni tal-miżuri meħuda dwar "kuntatti mill-ġdid" kif ukoll:

— Rapport sħiħ dwar il-proċeduri ta' attribuzzjoni inklużi l-metodi użati għall-attribuzzjoni u/jew differenzjazzjoni mill-ġdid.

— Noti ta' metodoloġija u riżultati tal-analiżi tan-nuqqas ta' tweġib jew metodi oħra biex ikunu vvalutati l-effetti tan-nuqqas ta' tweġib.

Skedi li jridu jkunu pprovduti (skont il-kategoriji **NACE Rev.2 u l-klassi ta' daqs** skont il-pjan nazzjonali għat-teħid tal-kampjuni, iżda allokazzjoni skont il-karatteristiċi tal-intrapriża osservati):

— Rati ta' tweġib ta' unità ([2]).

— Rati ta' tweġib ta' parti ([3]), b'referenza għal dawk kollha li wieġbu, għal li ġej: għadd totali ta' sigħat ta' xogħol bħala funzjoni ta' dawk kollha li jwieġbu u l-kost totali tax-xogħol bħala funzjoni ta' dawk kollha li jwieġbu.

— Rati ta' tweġib ta' parti b'referenza għal dawk l-intrapriżi li joffru korsijiet TVS, għal dan li ġej:

— Għadd totali ta' parteċipanti fil-korsijiet, irġiel, nisa, bħala funzjoni tal-intrapriżi li joffru korsijiet TVS.

— Għadd totali ta' sigħat fuq korsijiet TVS bħala funzjoni ta' intrapriżi li joffru korsijiet TVS, għadd ta' sigħat fuq korsijiet TVS ġestiti internament u esternament bħala funzjoni tal-intrapriżi li joffru korsijiet TVS.

— Spejjeż totali tal-korsijiet TVS bħala funzjoni tal-intrapriżi li joffru korsijiet TVS.

— Rati ta' tweġib ta' parti b'referenza għall-intrapriżi li joffru korsijiet TVS, għal dan li ġej: Għadd totali ta' parteċipanti TVI bħala funzjoni tal-intrapriżi li joffru TVI.

3. ŻMIEN OPPORTUN U PUNTWALITÀ

Dan l-aspett ikopri skeda ta' dati ta' meta bdiet u waslet fit-tmiem kull waħda mill-fażijiet li ġejjin tal-proġett bħal ħidma diretta fuq il-post (meqjusa l-modi differenti ta' ġbir ta' dejta), it-tfakkirijiet u s-segwitu, l-iċċekkjar u l-editjar ta' dejta, aktar validazzjoni u attribuzzjoni, stħarriġ dwar nuqqas ta' tweġib (skont il-każ) u stimi kif ukoll trażmissjoni ta' dejta lill-Eurostat u xandir ta' riżultati nazzjonali.

4. AĊĊESSIBILITÀ U ĊAREZZA

Dan l-aspett ikopri t-tip ta' riżultati mibgħuta lill-intrapriżi, skema ta' xandir ta' riżultati u kopja ta' kwalunkwe dokument metodoloġiku marbut mal-istatistika pprovduta.

5. KOMPARABILITÀ

Dan l-aspett ikopri d-devjazzjonijiet mill-kwestjonarju standard Ewropew u definizzjonijiet pprovduti fil-manwal imsemmi fl-Artikolu 8 u deskrizzjoni ta' rbit ma' għejjun statistiċi oħrajn (użu ta' ċerta dejta disponibbli fir-reġistri, stħarriġ marbut ma' stħarriġ nazzjonali ieħor).

6. KOERENZA

Dan l-aspett ikopri tqabbil tal-istatistika għall-istess fenomenu jew parti minn stħarriġ jew sorsi oħrajn u valutazzjoni ta' koerenza mal-istatistika dwar l-istruttura tal-impriżi għall-għadd ta' persuni impjegati bħala funzjoni tal-kategorija NACE Rev.2 u klassi ta' daqs.

Skedi li jipprovdu (maqsuma skont il-kategoriji tan-**NACE Rev. 2 u l-klassijiet ta' daqs** skont il-pjan nazzjonali għat-teħid ta' kampjuni, iżda l-allokazzjoni ssir skont il-karatteristiċi tal-intrapriża osservati):

— Għadd ta' persuni impjegati skont l-istatistika dwar l-istruttura tal-intrapriżi u għadd ta' persuni impjegati skont it-TVSI.

— Perċentwali ta' differenzi (SSI – TVSI)/SSI.

7. SPEJJEŻ U PIŻ

Dan l-aspett ikopri analiżi tal-piż u l-benefiċċju fil-livell nazzjonali pereżempju permezz ta' konsiderazzjoni tal-ħin medju għat-tweġib ta' kull kwestjonarju, mistoqsijiet u varjabbli problematiċi, l-aktar/l-anqas varjabbli utli fid-deskrizzjoni tat-TVS fil-livell nazzjonali, stima tal-livell jew il-livell attwali ta' sodisfazzjon tal-utenti tad-dejta fil-livell nazzjonali, differenza ta' piż bejn l-intrapriżi żgħar u kbar u sforzi magħmula biex jonqos il-piż.

([1]) Il-koeffiċjent ta' varjazzjoni huwa l-proporzjon tar-radiċi kwadrata tal-varjanza tal-istimatur mal-valur mistenni. L-istima tiegħu tinħadem permezz tal-proporzjon tar-radiċi kwadrata tal-istima tal-varjanza tal-kampjun mal-istima tal-valur. L-istima tal-varjanza tal-kampjun trid tqis il-pjan tal-kampjun u l-bidliet fl-istrati.

([2]) Ir-rata ta' tweġib ta' unità hija l-proporzjon tal-għadd ta' dawk li wieġbu li jinsabu fl-ambitu tal-istħarriġ mill-għadd ta' kwestjonarji mibgħuta lil dawk magħżula.

([3]) Ir-rata ta' tweġib ta' parti għal varjabbli partikolari hija l-proporzjon tal-għadd ta' dejta disponibbli mal-għadd ta' dejta disponibbli u nieqsa (ugwali għall-għadd ta' dawk li ntalbu jwieġbu fl-ambitu tal-istħarriġ)"